MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1736/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited gia' Galdes and Mamo Limited u b'Nota tal-24 t'April, 2003 is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Maurice Gruppetta u b'digriet tat-Tribunal tat-22 t'April, 2002 ghandhom jizdiedu l-kliem f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Merlin Bookshop Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf mitejn u hames liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1,205.21c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' poloz ta' assigurazzjoni

u spejjez konnessi ma’ l-imsemmija poloz ta’ assigurazzjoni mahruga mis-socjeta’ attrici. B’Nota l-ammont mitlub gie ridott ghal elf u tnejn u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1,062.65c).

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal li m’hemm ebda indikazzjoni tal-poloz in kwistjoni u m’hemm ebda ammont dovut fuq xi poloz tas-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Eliseo Fenech ghan-nom tas-socjeta’ attrici qal li l-konvenut kien talab li s-socjeta’ attrici tohrog polza ta’ assigurazzjoni in konnessjoni mal-hanut tieghu ghas-snin 1999, 2000 u 2001 kif ukoll assigurazzjoni fuq il-karozza ghas-snin 2000, 2001 u 2002. Eliseo Fenech qal li l-konvenut kien talab renewals tal-polza bit-telefon u dan wara li kienu jigru warajh.

Eliseo Fenech qal li kellu nota fil-file li l-konvenut kien kellem lil xi hadd iehor dwar ir-renewals. Fenech qal li mhux dejjem izommu records tat-telefonati u li din hija l-prattika generali.

Leslie Causon, General Manager mas-socjeta’ attrici f’Motor Claims qal li l-poloz jigeddu b’kumbinazzjoni ta’ affarijiet u mhux bit-telefon biss. Il-prattika qabel 1999 kienet li telefonata kienet parti mill-process tar-renewal. Causon qal li fil-file m’hemmx talba minghand il-konvenut pero’ fil-file hemm nota ta’ telefonata fis-sens li persuna mill-ufficcju li mill-firma jaghrafha bhala Terry Callus mill-ufficcju ta’ GasanMamo cempel lis-Sur Gruppetta. In-nota tghid “phoned Mr Gruppetta and gave me instructions to renew - no amendments”. Id-data tat-telefonata hi d-29 ta’ Dicembru, 2000.

Il-konvenut xehed u spjega li hu kien assigurat ma’ GasanMamo ghal hafna snin u li ghal zmien twil is-sistema kienet li r-renewals kienu jsiru biss bit-telefon. Gruppetta spjega li mbaghad kien hemm claim u s-socjeta’ attrici qalulu li billi ma kienx hemm renewal ma kienux ser ihallsu. Il-konvenut kien sostna li kien talab

renewal bit-telefon izda Leslie Causon irrisponda li r-renewals ma jsirux bit-telefon.

Il-konvenut accetta li fil-passat, ghal hafna snin, il-procedura tar-renewals dejjem kienet issir bit-telefon.

Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li l-procedura kienet li kien jircievi r-renewal notice mbaghad kien ikun hemm telefonata u hu kien jaghtihom il-go ahead.

Il-konvenut spjega li ma riedx ihallas l-ammont mitlub f'din il-kawza ghaliex kellu laqgha ma' Leslie Causon u dan kien qallu li fuq claim ohra li jekk ma kellhomx renewal confirmation bil-miktub dik ir-renewal ma tghoddx.

Il-konvenut jghid li dawn il-policies gew imgedda bhalma gew imgedda policies ohra.  Il-claim imsemmi minn Leslie Causon mhux wiehed mill-policies imsemmijin f'din il-kawza.  Il-konvenut spicca:

"Jiena nghid li jekk policies ohra ma gewx renewed bit-telefonata lanqas dawn ma kellhom jigu renewed bit-telefonata."

Meta rega' xehed Leslie Causon qal li:

"Din il-procedura fuq renewal fuq it-telefon jista' jsir biss ghaliex l-assigurat ikollu account maghna.  Il-bqija jrid jaghtina cekk qabel ma naghmlu r-renewal.  Mir-records il-konvenut kellu account maghna."

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qal li m'hemmx dettalji ta' policies.

Meta xehed Eliseo Fenech qal li kien hemm assigurazzjoni fuq il-hanut u fuq il-karozza.  Gew esebiti l-invoices u d-dettalji tal-poloz.  Fic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni.

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenut qal li m'hemm ebda ammont dovut.

Illi bhala fatt, il-konvenut jaccetta li kien hemm procedura li l-poloz tieghu jigu renewed permezz tat-telefon. Il-kontestazzjoni tal-konvenut, kif spjegat minnu, hija li huwa kellu claim in konnessjoni ma’ polza ohra liema claim ma gietx onorata ghaliex is-socjeta’ attrici qalet li ma taccettax renewals bit-telefon biss.

Billi l-konvenut kien jaccetta li jsiru renewals bit-telefon u ma jichadx li dawn saru in konnessjoni ma’ dawn il-poloz kellu d-dover li jhallas il-premium.

Jekk kellu xi lment dwar polza ohra seta’ ha passi kontra s-socjeta’ attrici.
Il-konvenut ma cahadx li rcieva r-renewal notices esebiti fil-process. Jekk kellu l-intenzjoni li ma jhallasx ghal dawn ir-renewals kellu d-dover legali li jinforma lis-socjeta’ attrici bl-intenzjoni tieghu.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lil Merlin Bookshop biex ihallas is-somma ta’ disa’ mija u lira Maltin u tletin centezmu (Lm901.30c) u lil Maurice Gruppetta biex ihallas is-somma ta’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm161.35c). Bl-imghax mid-data tas-sentenza kontra l-konvenuti. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------